MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 803/2004/1

**Godfrey Schembri**

**v.**

**Victor Portelli**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezenta l-attur fit-22 ta' Ottubru 2004, u li jaqra hekk:

"Illi fid-19 ta' Ottubru 2003 ghall-habta ta' l-10.30 p.m., l-attur Godfrey Schembri miexi bi kwietu fuq il-bankina fi

Triq il-Migja tal-Papa, vicin ix-Xatt ta' L-Isla, u kien hemm mieghu certu Alfred Fiteni.

“Illi f’salt wiehed insaqet ghal fuqhom vettura Range Rover bin-numru EAF894 aktar tard irrizulta li kienet misjuqa mill-konvenut Victor Portelli, liema sahansitra telghet fuq il-bankina u laqtet lill-attur.

“Illi l-konvenut Victor Portelli nizel mill-vettura u attakka lill-imsemmi Alfred Fiteni b’mod feroci u, avolja waslu membri tal-Korp tal-Pulizija li sabuh b’hafna demm hiereg minn rasu, l-istess Portelli baqa’ jsawwat lil Fiteni, sakemm finalment zammewh il-Pulizija.

“Illi b'rizultat tad-daqqa ta’ karozza msemmija fuq, l-attur sofra griehi gravi u nstab mill-Pulizija ma' l-art, mindud fuq il-bankina, jokrob bl-ugiegh. Saret inkjesta.

“Illi l-attur kellu jigi operat l-isptar ghall-griehi li garrab f’riglu tal-lemin, li kellha frattura, u qed isofri minn dizabilita` permanenti u limitazzjoni tal-moviment kif ukoll ugigh mal-mixi. Huwa la jista’ jimxi fit-tul u lanqas jigri u jbati biex jitla’ t-tarag.

“Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, izda naqas li jaghmel dan.

“Illi dan l-incident gara wara xi argument bejn il-konvenut Victor Portelli u l-imsemmi Alfred Fiteni, li mieghu l-attur ma kellu x’jaqsam xejn.

“Illi l-attur gie ammess ghall-beneficcju ta’ l-Ghajnuna Legali (PP 121/04).

“L-attur talab lill-Qorti:

“1. Tiddikjara lill-konvenut Victor Portelli unikament responsabbli ghall-incident li gara fid-19 ta' Ottubru 2003 fi Triq il-Migja tal-Papa, L-Isla, ghall-habta tal-10.30 p.m. meta huwa volontarjament saq il-karozza

fid-direzzjoni tieghu u ta' Alfred Fiteni u tajjar lill-attur ghax ried.

"2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur li, b'rizultat ta' l-imsemmi incident, sofra dizabilita` permanenti.

"3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur.

"4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Settembru 2004 u dawk ta' l-inkartament ta' l-Ghajnuna Legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax sal-pagament effettiv."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha ecepixxa illi:

"1. IIIi preliminarjament ghandu jigi sottolineat illi l-inkjesta dwar dan il-kaz u l-proceduri koncernati ghadhom ma gewx konkluzi u ghalhekk il-konvenut ghadu ma nstabx hati ta' l-ebda akkuza f'dan is-sens;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet dwar l-attakk fuq Alfred Fiteni maghmula mill-attur, fl-ewwel lok m'ghandhom l-ebda konnessjoni mat-talba attrici, fit-tieni lok ma jservu bl-ebda mod sabiex jigi kkonstatat il-mertu tal-kaz izda unikament sabiex jitfghu dawl ikrah fuq il-konvenut meta ghadu sal-lum prezunt innocenti u ghalhekk huma futili u mhux f'waqthom;

"3. Illi dejjem minghajr pregudizzju mhuwiex minnu illi l-konvenut "volontarjament saq il-karozza fid-direzzjoni" ta' l-attur kif qieghed jigi allegat mill-istess attur u ghalhekk ebda danni ma gew ikkagunati il-persuna ta' l-attur;

"4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga` nghad it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-

istess attur u dan ghaliex l-attur ma giex mtajjar mill-konvenut kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Novembru 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut f’dan l-istadju l-ewwel eccezzjoni dwar li l-inkjesta ghadha ghaddejja certament li mhux aktar applikabbli.

“Dwar it-tieni eccezzjoni certament li ghandha tigi michuda ghax fil-fatt hemm konnessjoni cara mat-talba attrici.

“Tichad it-tielet eccezzjoni ghax kif issemma fuq taht l-aspett ta’ Responsabbilta` gie ippruvat li d-danni rizultanti kienu kawza ta’ l-agir tal-konvenut.

“Tichad ir-raba’ eccezzjoni ghax irrizulta li kien il-konvenut li laqat lill-attur.

“Dwar it-talbiet attrici tiddikjara lill-konvenut Victor Portelli unikament responsabbli ghall-incident li gara fid-19 ta' Ottubru 2003 fi Triq il-Migja tal-Papa, L-Isla, ghall-habta tal-10.30 p.m. meta huwa volontarjament saq il-karozza fid-direzzjoni tieghu u ta’ Alfred Fiteni u tajjar lill-attur ghax ried.

“Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur li, b'rizultat ta’ l-imsemmi incident, sofra dizabilita` permanenti.

“Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-ammont ta’ €4210.71

“Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

“L-imghaxijiet kif mitlubin mill-attur certament mhux dovuti kif spjegat fuq.

"Spejjez kontra l-konvenut, bl-imghax legali **<u>mil-lum</u>** kontra l-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Gie prezentat affidavit ta' <u>Godfrey Schembri</u> li semma li fid-19 ta' Ottubru 2003 ghall-habta ta' l-10.30 p.m. il-konvenut b'Range Rover EAF894 saq ghal fuqu u Alfred Fiteni u l-vettura telghet il-bankina u wara l-konvenut attakka lil Alfred Fiteni. B'rizultat ta' din id-daqqa hu sofra griehi gravi u kellu jigi operat l-isptar, inkluz li kellu frattura u jbati minnha kif semma fic-citazzjoni. Jidher li dan l-incident gara wara xi argument bejn il-konvenut Victor Portelli u l-imsemmi Alfred Fiteni, f'liema argument hu ma kellu x'jaqsam xejn.

"Xehed <u>Godfrey Schembri</u> li qal li Alfred Fiteni kellu incident u kien qed iwasslu l-Policlinic. Semma li kawza tad-daqqa tal-karozza spicca mal-art ghax il-konvenut baqa' tiela' bir-rota ta' quddiem fuq saqajh. Sostna li hu ma kellux x'jaqsam mieghu u qatt ma kellu glidiet jew argumenti mieghu. Accerta lill-Qorti li hu u Alfred Fiteni kienu l-hin kollu fuq il-bankina. Semma li spicca l-isptar dakinhar ghax kienet inkisret siequ minhaba l-fatt li l-konvenut tela' bil-karozza fuqha, u wara li ghamlulu l-gibs baghatuh id-dar. In segwitu peress li m'ghaqditlux kellhom joperawh u ghamlulu vit. Kawza ta' l-incident qabditu depressjoni. Xehed li ma jistax jigri.

"Xehed <u>P.C. 916 Samuel Veneziani</u> li qal fid-19 ta' Ottubru 2003, ghal xi l-10.30 p.m. kienu infurmati b'telefonata mill-*control room* li kien hemm xi glieda fi Triq ix-Xatt l-Isla. Marru fuq il-post mas-Surgent u Pulizija ohra. Sabu argument u lil Victor Portelli jaghti b'xi kanna tal-hadid. Kien hemm certu Schembri li dan qal li safa mtajjar dak il-hin bil-*jeep* ta' Victor. Griehi ma kellu xejn. Jaf li s-Surgent PS1594 Brian Caruana nizzel kollox fuq ir-rapport.

"Xehed P.C. 299 Charles Mallia li qal fit-12 ta' Ottubru 2003 kienu gew infurmati li kien hemm glieda fi Triq il-Migja tal-Papa, l-Isla. Meta mar ma' Pulizija ohra sab vettura fin-nofs. Meta hareg mill-karozza innot persuna fuq in-naha tax-xellug fuq il-bankina li qallu li gie mtajjar minn karrozza misjuqa minn Portelli. Dan kien l-attur. Zied li l-persuna l-ohra kellu wiccu kollu bid-demm. Lil Schembri qallu biex joqghod fil-gemb u dan obdieh filwaqt li kien qed izomm saqajh. Il-persuna li kellha d-demm kienet Fiteni. Ftakar li kien nizel ma' Portelli l-ghassa. Esebixxa kopja ta' l-okkorrenza fejn hemm id-dettalji kollha elnekati bejn fol 74 sa 78.

"Xehed P.S. 1594 Brian Caruana li ikkonferma l-okkorrenza. Zied li meta marru x-Xatt ta' l-Isla kien hemm daqsxejn *panic*. Sabu lil Victor Portelli u l-vettura tieghu u rawh jahbi *pipe*. Raw ragel iehor li kien Fiteni, kellu xi demm ukoll, kellu dmija go rasu, u kien hemm ragel iehor u cioe` Schembri, li kien fuq il-bankina fuq in-naha l-ohra ftit 'il boghod mill-incident u qalilhom li kien fil-kumpanija ta' Fiteni u li Victor Portelli kien tajjarhom bil-karozza, li saq fuqhom bil-*Range Rover*. Il-karozza ta' Victor Portelli kienet fil-gemb tat-triq.

"Xehed Victor Portelli u qal lill-attur jafu ghax joqghod l-Isla. Qabel dik in-nhar ta' l-incident qatt ma kienu tkellmu. Hu kellu incident ma' bniedem iehor, u cioe` Alfred Fiteni ghax dan kien qabad mieghu wahda sew billi kien jaqbadlu mal-kelb. Qal li dak in-nhar ta' l-incident kien qabadlu l-kelb u peress li ma telqux tah daqqa ta' ponn. Ferrquhom izda l-iehor ried ikompli jiggieled. Sostna li meta kienu telqu Fiteni kien hareg bejn zewg karozzi li kienu ipparkjati u hareg min-naha tal-lemin u beda jaghti b'kanna fuq il-karozza tieghu. Wara l-Pulizija ferrquhom. Lil Schembri l-ewwel hin li rah kien meta kien hemm il-Pulizija. Cahad li l-karozza tieghu qatt telghet il-bankina jew li laqat lil Schembri. Zied li kien instab hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati izda dan ghax l-Avukat ma hadimlux sew.

"Zied jghid li l-karozza kollha dejn u li dak li xehdu l-attur u Fiteni mimli gideb.

"Xehed Alfred Fiteni li semma li jaf sewwa lill-attur bhala habib tieghu u kien jahdem mieghu. Zied li gurnata minnhom kien hemm tilwima bejnu u Victor Portelli u kienu sejrin lura hu u Schembri ghax kellu daqqa fuq wiccu, telghin it-telgha meta f'daqqa u l-waqt jaf li Godfrey Schembri waqa' fuqu u hareg mill-karozza dak il-hin Victor Portelli u kompliet it-tilwima bejniethom. Jaf li Godfrey Schembri waqa' fuqu bis-sahha u baqa' ma' l-art. Semma li Godfrey Schembri ma kienx involut fl-ewwel glieda. Portelli kellu *pipe* u beda jxejjer bih, kien *pipe* tal-hadid. F'ebda hin hu u Schembri ma nizlu minn fuq il-bankina. Kienu sejrin il-Policlinic u l-karozza giet minn wara. Meta kienu bil-qieghda wara l-intervent tal-Pulizija l-attur lilu kien qallu li laqtitu karozza.

"Rat id-digriet tal-11 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu Mr. Carmel Sciberras gie nominat bhala espert mediku.

"Rat ir-rapport ta' Mr. Carmel Sciberras li fih issemma :
**"'Sieq il-leminija:**

"Cikatrici kirurgika ta' 5cm fuq in-naha ta' barra tal-pala (lateral aspect). Din kienet ftit "tender" meta missejtha.

"Kien hemm zewg cikatrici zghar magenb din ta' fuq.
Dawn kienu rizultat ta' brix fil-fond meta kellu l-incident.

"Ma kienx hemm nefha sinifikanti.

"Kien hemm nuqqas ta' dorsflexion (5 - 10°) ta' l-ghaksa.

"Il-plantarflexion (tinzel 'l isfel) kienet normali. Ta' min ighid li s-saqajn tas-Sur Schembri huma catti (flat feet), ix-xellug kemm kemm aktar mil-lemini. Dawn huma saqajn catti flessibbli u mhux rigidi.

"**IMPRESSJONI:** L-ugigh, l-ghebusija fil-ghodu, ir-rassa fiz-zraben kollha huma rizultat tal-hsara li garrbu t-tessuti rotob meta nkisret l-ghadma tal-metatarsal. Dan fiqu b'cikatrici minn gewwa. Jibqa' jhoss dawn il-problemi

minhabba fihom. Is-saqajn catti jistghu jaggravaw xi ftit il-problema.

“**DIZABBILTA`** **3% (tlieta fil-mija).’**

**“D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

“***D1. Responsabbilta` ghall-incident:***

“L-ewwel aspett li jrid jigi ikkunsidrat minn din il-Qorti hija dwar ir-responsabbilta` *o meno* tal-konvenut ghall-incident. Filwaqt li l-attur isostni li kien il-konvenut li b’intenzjoni saq ghal fuqu u ghal Fiteni, dan hu michud mill-konvenut. Mill-okkorrenza tal-Pulizija jirrizulta li:

““Kif il-Pulizija waslet fuq il-post, rat lil Victor Portelli jahbi kanna tal-hadid tal-ilma taht il-*mudguard* ta’ quddiem fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni EAF-894 li kienet mitluqa f’nofs tat-triq. Il-Pulizija intervjeniet mal-ewwel, fejn zammet lil Portelli `l boghod minn Fiteni, li dan tal-ahhar kellu hafna demm hiereg minn rasu. Filwaqt li beda jinzamm Portelli milli jkompli jattakka lil Fiteni, Portelli qaleb qasrija li kienet fuq cint fid-direzzjoni ta’ Fiteni, izda ma laqtux. Pulizija talbet ghal Ambulanza imbaghad at li kien hemm ragel iehor mal-art mindud fuq il-bankina li beda jokrob bl-ugiegh fejn, meta gie mistoqsi mill-Pulizija x’kien gralu, hu qal li kien gie mtajjar mill-vettura ta’ Portelli peress li kien ma’ Fiteni…”

“Irrizulta li Fiteni li kien gie certifikat isofri minn griehi ta’ natura gravi filwaqt li l-attur kien gie ezaminat mit-tabib K. Zammit li iccertifikah li kellu griehi ta’ natura gravi. Zgur li meta l-Pulizija marret fuq il-post sabet lill-konvenut b’kanna f’idejh u kien qed jipprova jahbiha taht il-*mudguard*. Irrizulta li Schembri spicca b’siequ miksura u sa giet imsejha l-ambulanza mill-Pulizija. Fiteni wkoll kien garrab griehi f’rasu. L-imsemmi Schembri ikkonferma bil-gurament li kien il-konvenut li kien saq ghal fuqhom. Fiteni kien xehed li Schembri waqa’ fuqu bis-sahha. Wara dan, Portelli hareg ghal Fiteni bil-kanna.

"Il-Qorti sejra tikkwota parti mis-sentenza ta' l-Onor. Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-25 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Portelli** li ikkonfermat is-sentenza ta' l-1 ta' Novembru 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li f'pagna 8 u 9 ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

""… Ftit tal-hin wara, rega' nqala' incident iehor fi Triq il-Migja tal-Papa. Dwar dan hemm versjonijiet konfliggenti. Filwaqt li Fiteni u Schembri jghidu li kienu intlaqtu mir-Range Rover ta' l-appellant waqt li kienu fuq il-bankina sejrin ghal car ta' Schembri biex dan iwassal lil Fiteni l-Polyclinic minhabba d-demm li kellu rizultat ta' l-ewwel incident u, wara li ttajru l-appellant hareg mill-van b'kanna w beda jsawwat biha lil Fiteni w ikkagunalu diversi feriti li jidhru fir-relazzjoni ta' Dr. (Mario) Scerri, l-appellant jghid li Fiteni kien hareg ghalih f'nofs it-triq u beda jiccalengjah ghall-glied u jaghti b'hadida fuq ir-Range Rover u hu hareg mill-vettura, hadlu l-hadida minn idejh u sawwat lil Fiteni bl-istess hadida.

"(*omissis*)

"Illi ma hemmx dubju li l-appellant kien iggieled ma' Fiteni fl-ewwel incident u li, kif jghid hu stess, tah daqqa ta' harta ghax messlu l-kelb. Lanqas hemm dubju li l-appellant kien tajjar lil Schembri bil-car tieghu w volontarjament ikkagunalu ksur f'riglejh li gie klassifikat bhala ferita gravi per durata, kif irrelata Dottor Scerri. Schembri bl-ebda mod ma kien involut fl-ewwel incident u fil-konfront tieghu l-appellant zgur li ma jistax jinvoka b'success xi difiza ta' provokazzjoni. Fir-rigward ta' Fiteni wkoll jirrizulta abbondantement li l-appellant sawwtu b'hadida w ikkagunalu diversi feriti li whud minnhom huma wkoll gravi per durata, kif irrelata Dr. Scerri. L-akkuza tar-recidiva wkoll tirrizulta pruvata w l-istess difiza kienet ezentat lill-Prosekuzzjoni milli taghmel il-prova ta' l-identita` tal-appellant fir-rigward tas-sentenzi esebiti (fol. 140)."

"L-Onor. Qorti ta' l-Appell irrimarkat ukoll f'pagna 10 tas-sentenza taghha, u hawnhekk *res ipsa loquitur* :

""… (ghax altrimenti non si spjega l-ferita li garrab Schembri intortament u li lanqas l-appellant ma ghandu spjegazzjoni ghaliha)…"

"Tenut in konsiderazzjoni dawn l-aspetti kollha l-Qorti tqis lill-konvenut responsabbli ghall-incident li fih korra gravement l-attur.

"***<u>D2. Lucrum cessans:</u>***

"L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

""Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta'qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

"Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

"***<u>D3. Multiplier:</u>***

"Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

""Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma

jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni."

"Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:

""f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

"Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:

""Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

“Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘**Buttler vs Heard**’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘*lucrum cessans*’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

“Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

“Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

"Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

"Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 42 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 15 ghall-kaz in ezami.

"***D4. Paga u gholi tal-hajja:***

"Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attur kien qed jaqla' salarju *gross average* ta' €9,063 riferibbli ghas-sena bazi 1999. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€4.65 fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b'€242 ghal 15-il sena.

"***D5. Dizabilita`:***

"Mir-rapport mediku ta' Mr. Carmel Sciberras [a fol 69 *et* tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti ta' l-attur hija ta' 3%.

"***D6. Lump Sum Payment:***

"L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment*** b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:

""jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003."

"Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

"Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fid-19 ta' Ottubru 2003 u s-sentenza qed tinghata wara sitt snin. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 14%.

"***D7. Kunsiderazzjonijiet ohra:***

"Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

"***D8. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

"Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

"I. Il-qligh medju annwali ta' l-attur [€9,063] inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €10880.4

"II. Irid jitqies *multiplier* ta' 15. Dan igib l-ammont ta' €163206;

"III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 3% u ghalhekk jammonta ghal €4896.18;

"IV. wara jrid jitnaqqas 14% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €4210.71;

"Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 9063 |
| Multiplier | M | 15 |
| Lump sum payment | L | 14 |
| Dizabilita` | D | 3% |
| Gholi tal-hajja | G | 242.32 |
| | | |
| Amount due | | 4210.71 |
| | | |

"***D9. Imghaxijiet:***

"L-atturi talbu l-imghaxijiet. Dwar dan jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit *in mora*. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

**“Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech ed altri** (9 ta’ April, 1877) fejn il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:

*““.............il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione.............”*

**“Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe** (18 ta’ Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:

*““I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione”.*

**“Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta’ Dicembru, 1903.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“… … tirrevoka s-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta’ Novembru 2009 fl-ismijiet **Godfrey Schembri v. Victor Portelli**, u dan billi tilqa’ t-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.”

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab, fl-ewwel lok, li l-appell tal-konvenut jigi michud, u fit-tieni lok, illi din il-Qorti joghgobha:

“… … tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` fil-konfront ta’ Victor Portelli ghad-danni konsegwenzjali u f’dan is-sens tichad l-appell tieghu bl-ispejjez, u timmodifikaha fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni u joghgobha tikkundanna lil Victor Portelli biex ihallas lill-appellat danni f’ammont superjuri li jkun jirrifletti bis-serjeta` d-dizabilita` permanenti subita mill-esponent b’rizultat ta’ dan l-incident doluz li seta’ u kellu jigi evitat.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur jghid li fid-19 ta' Ottubru 2003, waqt li kien miexi fi triq gewwa l-Isla ma' certu Alfred Fiteni, il-konvenut, li kien qed isuq Range Rover numru EAF 894, saq ghal fuqhom, il-vettura telghet fuq il-bankina, u tajjrithom it-tnejn. Il-konvenut nizel mill-vettura tieghu u qabad jaghti lis-Sur Fiteni b'hadida, pero` fl-incident hu wegga wkoll u sofra griehi gravi bid-daqqa li qala' bil-karozza. Hu jghid li ghadu jsofri b'dizabilita` f'riglejh il-lemin.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur, iddikjarat lill-konvenut responsabbli ghall-griehi li sofra l-attur, u kkundannatu jhallas is-somma ta' €4,210.71 in linea ta' danni.

Il-konvenut appella mis-sentenza, u jikkontesta r-responsabbilta` tieghu ghal griehi li sofra l-attur, u wkoll il-quantum tad-danni. L-attur appella incidentalment mil-likwidazzjoni tad-danni peress li jippretendi kumpens oghla.

Bl-ewwel aggravju tieghu, il-konvenut appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma mmotivatx is-sentenza taghha kif trid il-ligi. Hu jghid li l-ewwel Qorti bbazat is-sentenza taghha fuq sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li din tat in konnessjoni mal-proceduri li ttiehdu kontra tieghu ghall-aggrezzjoni fuq is-Sur Fiteni. Din il-Qorti tara li filwaqt li s-sentenza tal-ewwel Qorti hi, veru, ftit xotta minn motivazzjoni indipendenti li jindikaw x'wassalha tasal ghall-konkluzjoni li waslet, u li l-istess sentenza setghet u kellha tigi motivata ahjar, ma tirrizulta ebda nullita` fl-istess sentenza. Ghalkemm il-proceduri kriminali huma distinti u separati minn dawk civili, Qorti ta' gurisdizzjoni civili tista' tirreferi ghal dak deciz f'kamp kriminali ghall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Civili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Briffa v. Abela**, deciza fit-28 ta' Marzu 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti,

izda l-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi *"wahda mill-provi, ghalkemm hi prova importanti".* Din il-Qorti, fil-kawza **Xuereb v. Micallef**, deciza fis-26 ta' Novembru 1923 kienet approvat dak li qal il-gurista <u>Laurent</u> fis-sens illi *"si ritiene che il giudice civile puo` al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale"*.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Degabriele v. Montebello**, deciza fit-28 ta' Jannar 2010, b'adezjoni ta' gurisprudenza anterjuri, qalet li *"ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi provediment kriminali"*, proprju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghal esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; dik il-Qorti enfasizzat, pero`, li dik hi biss <u>wahda mill-provi</u> li l-Qorti civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara wkoll, fl-istess sens, il-kawza **Pace v. Camilleri**, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju 2007).

F'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li *"lanqas hemm dubju li l-appellant* (il-konvenut f'dawn il-proceduri) *tajjar lil Schembri* (attur odjern) *bil-car tieghu u volontarjament ikkagunalu ksur f'riglejh li gie klassifikat bhala ferita gravi per durata, kif irrelata Dottor Scerri."* L-ewwel Qorti qieset din il-prova bhala parti mill-konsiderazzjonijiet taghha; oltre dan osservat li, mill-provi rrizulta li l-attur, fl-incident, spicca b'siequ miksura, u li kienet sodisfatta li kien il-konvenut li kien saq ghal fuqu. Ikkunsidrat ukoll li s-Sur Fiteni xehed li l-attur wara l-incident, waqa' fuqu bis-sahha.

Kwindi, ma jistax jinghad li s-sentenza tal-ewwel Qorti mhux motivata. Fl-ghoti tas-sentenza, qorti mhux mehtieg li taghmel referenza ghax-xhieda kollha li tkun instemghet, u hu bizzejjed li tirreferi ghal dawk il-provi li jnizzlu fiha l-konvinciment morali ta' decizjoni lejn naha partikolari. Lill-gudikant hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu – salv li s-sentenza

tkun motivata bizzejjed biex wiehed ikun jista' jsegwi l-hsieb tal-Qorti.
Bit-tielet aggravju tieghu (li logikament ghandu jitqies qabel it-tieni aggravju marbut mal-likwidazzjoni tad-danni), il-konvenut jichad ir-responsabbilta` ghal griehi li sofra l-attur. Din il-Qorti fliet il-provi prodotti f'din il-kawza, u ma tarax li ghandha taqbel mat-tezi tal-konvenut. Jirrizulta li l-konvenut saq ghal fuq is-Sur Fiteni, u l-attur, li kien hdejn dan l-ahhar, ghotor u waqa' mal-art. L-attur mill-ewwel stqarr li kien gie milqut bil-karozza tal-konvenut, u ghalkemm ghall-ewwel ma riedx li jittiehed l-isptar, eventwalment irrilenta u ttiehed l-isptar b'ambulanza, fejn kellu jigi operat ghal griehi li garrab f'riglejh tal-lemin. Is-Sur Fiteni jghid li, fl-incident, l-attur waqa fuqu bis-sahha u mhux kontestat mill-konvenut li l-attur "kiser siequ".

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u fuq bazi ta' probabbilita` din il-Qorti tara li ghandha taccetta l-verzjoni tal-attur li hu intlaqat bil-karozza tal-konvenut. Mhux probabbli li l-incident sehh, kif jissottometti l-konvenut, meta l-attur ra l-glieda bejn il-konvenut u s-Sur Fiteni, ippanikja *"u zelaq f'xi targa u wegga"*. Ma jirrizultax li l-attur waqa' fuq *"xi targa"*, u meta tqis li l-attur waqa fuq is-Sur Fiteni mad-daqqa u li, *a tempo vergine,* l-attur instab "jokrob bl-ugieh" u jilmenta li gie mtajjar mill-vettura tal-konvenut (kif xehedu l-Pulizija li investigaw il-kaz), hija aktar verosimili t-tezi tal-attur. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Cassar v. Psaila**, deciza fil-31 ta' Jannar 2003:

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fiha ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro neo. Fi kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja (***Borg v. Bartolo***, App. Inf. 26/6/1980)"*

Bl-istess hsieb ippronunzjat ruhha din il-Qorti fil-kawza **Tabone v. Tabone**, deciza fis-26 ta' Jannar 2007.

Hu veru li, f'dan il-kaz, ix-xhieda prodotti mhux dejjem hi konkordanti fl-anqas dettal, pero` dan hu mistenni meta tqis li l-incident sehh fi ftit sekondi, u mhux kull min hu involut necessarjament jirregistra dak li sehh bl-istess mod u jqis importanti l-istess dettalji. Wiehed ma jridx jinsa li l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li *"lanqas hemm dubju li l-appellant kien tajjar lil Schembri bil-car tieghu",* u din il-prova tkompli ssahhah il-konvinciment tal-Qorti imsawwar bil-provi prodotti quddiemha li l-konvenut jahti ghal incident li fih wegga l-attur.

Bit-tieni ilment tieghu, il-konvenut jilmenta fuq il-kalkolu tad-danni li ghamlet l-ewwel Qorti. Hu jghid li l-paga bazika ta' €9,063.59 li fuqha hadmet, tirrifletti biss qliegh f'sena wahda (fl-1999) u ma kellhiex isservi bhala bazi li fuqa jinhadem il-kumpens. Din il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li, qabel l-incident, l-attur kellu diversi impiegi fl-industrija tal-*catering*, u ghalkemm l-attur kien irtira mix-xoghol hames xhur qabel l-incident, mhux eskluz li hu seta' jkompli jahdem fl-istess generu ta' negozju u jaqla dik is-somma jew aktar. Il-figura ta' ftit aktar minn €9,000 fis-sena (ekwivalenti ghal ftit anqas minn Lm4,000 fi flus antiki), mhux xi somma spettakulari u bhala persuna li, milli jidher, kien imfittex fil-kamp tieghu u kellu hajja lavorattiva attiva, din il-Qorti ma tqishiex irragjonevoli.

Bir-raba' u l-ahhar aggravju, il-konvenut jghid li l-attur ibbaza l-kawza tieghu fuq id-dolo tal-konvenut u jekk din ma tirrizultax, *ancorche`* tista' tirrizulta n-negligenza, it-talba attrici ma tistax tintlaqa'. Din il-Qorti ma taqbilx. Apprti l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li l-konvenut *"<u>volontarjament</u>"* ikkagunalu ksur f'riglejh lill-attur, u din gia` hija prova tad-dolo, kif gieli jinghad *"il piu` comprende il meno",* u la darba, fis-sistema taghna, id-danni jigu likwidati bl-istess mod kemm jekk tigi pruvata dolo u anke jekk tirrizulta biss culpa, din il-Qorti ma tarax li ghandha tichad it-talbiet attrici sempliciment a bazi ta' din ic-cirkostanza. L-appell tal-konvenut, allura, ghandu jigi kollu michud.

Dwar l-appell incidentali tal-attur, dan jghid li fl-atti hemm rapporti minn zewg kirurgi li ma tawx l-istess grad ta'

dizabilita` - wiehed ta' 3% u l-iehor 4% u allura l-ewwel Qorti kellha tadotta grad ta' 3.5% u mhux timxi fuq l-anqas grad. Jirrizulta, pero`, li l-grad ta' 3% giet stabbilita mill-espert mediku nominat mill-ewwel Qorti, u kwindi ghamlet sew l-ewwel Qorti li mxiet fuq il-konkluzjoni milhuq mill-espert minnha mahtur, aktar minn dik milhuqa minn tabib ex parte.

Kwindi, il-Qorti mhix se taccetta l-appell incidentali tal-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut u mill-appell incidentali tal-attur billi tichadhom it-tnejn, u tikkonferma, b'hekk, is-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu, kwantu ghal dawk marbuta ma' l-appell principali, mill-konvenut, u kwantu ghal dawk marbuta ma' l-appell incidentali, mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------